DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1141

tad-29 ta' Lulju 2020

li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi sottomessi mill-pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE

(notifikata bid-dokument C(2020) 5076)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE [1], u b'mod partikulari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) u l-Artikolu 29(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 96/23/KE jirrikjedi li l-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw l-annimali u l-prodotti tal-annimali koperti minn dik id-Direttiva, jissottomettu pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi li jipprovdu l-garanziji meħtieġa ("il-pjanijiet"). Il-pjanijiet jenħtieġ li jinkludu mill-inqas il-gruppi ta' residwi u s-sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [2] tapprova l-pjanijiet sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi fir-rigward tal-annimali u l-prodotti tal-annimali speċifikati elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ("il-lista").

(3) Il-Bożnija-Ħerzegovina ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li jkopri biss il-ħut bil-pinen. Għalhekk jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li tillimita l-approvazzjoni għall-akkwakultura għall-ħut bil-pinen biss.

(4) Il-Botswana hija inkluża fil-lista għall-bhejjem tal-ifrat, għaż-żwiemel u għall-kaċċa mrobbija. Madankollu, dak il-pajjiż terz informa lill-Kummissjoni li mhux se jesporta aktar żwiemel ħajjin u kaċċa mrobbija lejn l-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-entrata għall-Botswana għall-ekwini u għall-kaċċa mrobbija titneħħa mil-lista.

(5) Iran issottometta pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li jkopri biss il-krustaċji. Għalhekk jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li tillimita l-approvazzjoni għall-akkwakultura għall-krustaċji biss.

[1] ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

(6) Ir-Repubblika tal-Unjoni tal-Myanmar issottomettiet pjan għall-għasel lill-Kummissjoni. Dak il-pjan jagħti biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għalhekk jenħtieġ li fil-lista tiġi inkluża entrata għall-Myanmar għall-għasel.

(7) New Caledonia hija inkluża fil-lista għall-bhejjem tal-ifrat, għall-akkwakultura, għall-kaċċa salvaġġa, għall-kaċċa mrobbija u għall-għasel. Madankollu, dak il-pajjiż terz informa lill-Kummissjoni li mhux se jesporta aktar laħam taċ-ċanga u kaċċa salvaġġa lejn l-Unjoni u li l-pjan għall-akkwakultura jkopri biss il-krustaċji. Għalhekk jenħtieġ li l-entrata għal New Caledonia għall-bhejjem tal-ifrat u għall-kaċċa salvaġġa titneħħa mil-lista u li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li tillimita l-approvazzjoni għall-akkwakultura għall-krustaċji biss.

(8) Sierra Leone ssottomettiet pjan għall-għasel lill-Kummissjoni. Dak il-pjan jagħti biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għalhekk jenħtieġ li fil-lista tiġi inkluża entrata għal Sierra Leone għall-għasel.

(9) Is-Suriname huwa inkluż fil-lista ta' approvazzjoni għall-akkwakultura. Madankollu, is-Suriname informa lill-Kummissjoni li mhux se jesporta aktar prodotti tal-akkwakultura lejn l-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-entrata għas-Suriname għall-akwakultura titneħħa mil-lista.

(10) Bħalissa t-Tuneżija hija inkluża fil-lista ta' approvazzjoni għat-tjur, għall-akkwakultura u għall-kaċċa salvaġġa. Dak il-pajjiż terz issottometta pjan għat-tjur lill-Kummissjoni li ma jipprovdix biżżejjed garanziji u pjan għall-akkwakultura, li jkopri biss il-ħut bil-pinen. Għalhekk jenħtieġ li l-entrata għat-Tuneżija li tikkonċerna t-tjur titneħħa mil-lista u li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li tillimita l-approvazzjoni għall-akkwakultura għall-ħut bil-pinen biss.

(11) Filwaqt li l-Kosovo * ma pprovdiex pjan għat-tjur, il-Kosovo pprovda garanziji fir-rigward tal-materja prima tat-tjur li toriġina mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati biex jesportaw tali materja prima lejn l-Unjoni Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li tiżdied entrata fil-lista għall-Kosovo għat-tjur bin-nota f'qiegħ il-paġna xierqa.

(12) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/163/UE tiġi emendata skont dan.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

ANNESS

"ANNESS

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakul-tura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel
AD	Andorra	X	X	X ([3])	X								X
AE	L-Emirati Għarab Magħquda						X ([3])	X ([1])					
AL	L-Albanija		X				X ([7])		X				
AM	L-Armenja						X						X
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X		X		X	X			X	X	X
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	X	X	X		X	X ([7])	X	X				X
BD	Il-Bangladesh						X						
BF	Il-Burkina Faso												X
BJ	Il-Benin												X
BN	Il-Brunei						X						
BR	Il-Brażil	X			X	X	X						X
BW	Il-Botswana	X											
BY	Il-Belarussja				X ([2])		X	X	X				
BZ	Il-Belize						X						
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X

Kodiċi tal-ISO 2	Pajjiż	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakul-tura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel
CH	L-Iżvizzera	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċilì	X	X	X		X	X	X			X		X
CM	Il-Kamerun												X
CN	Iċ-Ċina					X	X		X	X			X
CO	Il-Kolombja						X	X					
CR	Il-Costa Rica						X						
CU	Kuba						X						X
DO	Ir-Repubblika Domenicana												X
EC	L-Ekwador						X						
ET	L-Etjopja												X
FK	Il-Gżejjer Falkland	X	X				X						
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X						
GH	Il-Ghana												X
GE	Il-Georġja												X
GL	Greenland		X									X	
GT	Il-Gwatemala						X						X
HN	Il-Honduras						X						
ID	L-Indoneżja						X						

Kodiċi tal-ISO 2	Pajjiż	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakul-tura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel
IL	L-Iżrael ([5])					X	X	X	X			X	X
IN	L-Indja						X		X				X
IR	L-Iran						X ([9])						
JM	Il-Ġamajka												X
JP	Il-Ġappun	X		X		X	X	X	X				
KE	Il-Kenja						X						
KG	Il-Kirgiżistan												X
KR	Il-Korea t'Isfel					X	X						
LK	Is-Sri Lanka						X						
MA	Il-Marokk					X	X						
MD	Il-Moldova					X	X		X				X
ME	Il-Montenegro	X	X	X		X	X	X	X				X
MG	Madagascar						X						X
MKD	Il-Maċedonja ta' Fuq	X	X	X		X	X	X	X		X		X
MM	Ir-Repubblika tal-Unjoni tal-Myanmar						X						X
MU	Mauritius						X						X ([3])

Kodiċi tal-ISO 2	Pajjiż	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakul-tura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel
MX	Il-Messiku						X		X				X
MY	Il-Malasja					X (3)	X						
MZ	Il-Mozambique						X						
NA	In-Namibja	X	X										
NC	New Caledonia						X (9)					X	X
NI	In-Nikaragwa						X						X
NZ	New Zealand	X	X		X		X	X			X	X	X
PA	Il-Panama						X						
PE	Il-Perù						X						
PH	Il-Filippini						X						
PM	Saint Pierre u Miquelon					X							
PN	Il-Gżejjer Pitcairn												X
PY	Il-Paragwaj	X											
RS	Is-Serbja	X	X	X	X (2)	X	X	X	X		X		X
RU	Ir-Russja	X	X	X		X		X	X			X (4)	X
RW	Ir-Rwanda												X
SA	L-Arabja Sawdija						X						

Kodiċi tal-ISO 2	Pajjiż	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakul-tura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel
SG	Singapore	X ([3])	X ([3])	X ([3])	X ([6])	X ([3])	X	X ([3])			X ([6])	X ([6])	
SL	Sierra Leone												X
SM	San Marino	X		X ([3])				X					X
SV	El Salvador												X
SZ	L-Eswatini	X											
TH	It-Tajlandja					X	X						X
TN	It-Tuneżija						X ([7])				X		
TR	It-Turkija					X	X	X	X				X
TW	It-Tajwan						X						X
TZ	It-Tanzanija						X						X
UA	L-Ukrajna	X		X		X	X	X	X	X			X
UG	L-Uganda						X						X
US	L-Istati Uniti	X	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X
UY	L-Urugwaj	X	X		X		X	X			X		X
VE	Il-Venezwela						X						
VN	Il-Vjetnam						X						X
ZA	L-Afrika t'Isfel										X	X ([8])	
XK	Il-Kosovo					X ([3])							
ZM	Iż-Żambja												X

(1) Il-ħalib tal-ġemel biss.
(2) L-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' ekwidi ħajjin għat-tbiċċir (annimali li jipproduċu l-ikel biss).
(3) Pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħrajn li jkunu approvati għall-importazzjoni ta' din il-materja prima lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2.
(4) Għar-renni mir-reġjuni ta' Murmansk u Yamalo-Nenets biss.
(5) Minn ħawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji li ilhom taħt l-amministrazzjoni ta' Iżrael minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.
(6) Għall-prodotti bażiċi ta' laħam frisk li joriġinaw minn New Zealand biss, li jkunu ddestinati għall-Unjoni, u li jinħattu u jitgħabbew mill-ġdid u jgħaddu minn Singapore, kemm jekk jinħażnu hemm, kif ukoll jekk le.
(7) Il-ħut bil-pinen biss.
(8) Ir-ratiti biss.
(9) Il-krustaċji biss."